**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 117/19/F

**Charlene u Ronnie Gauci**

**vs**

**Joseph Zammit**

Illum, 14 ta' Frar 2022

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-3 ta' Settembru 2019;

Ra li minkejja li ġie notifikat bl-Avviż tat-Talba fid-19 ta' Settembru 2019, l-Intimat baqa' ma ppreżentax risposta fiż-żmien utili preskritt mill-liġi;

Ra li eventwalment, l-Intimat ippreżenta Risposta nhar it-8 ta' Jannar 2020;

Ra r-Rikors tar-Rikorrenti tal-25 ta' Frar 2020 fejn huma talbu l-isfilz tar-Risposta tal-Intimat u d-Digriet tat-2 ta' Marzu 2020 fejn it-Tribunal ikkonċeda perjodu ta' 15-il jum sabiex l-Intimat iressaq ir-Risposta tiegħu dwar din it-talba għall-isfilz;

Ra li l-Intimat baqa' ma ntavolax Risposta għal dan ir-Rikors;

Ra d-Digriet tat-22 ta' Ġunju 2020 fejn ġie ordnat l-isfilz tar-Risposta tal-Intimat ippreżentata fit-8 ta' Jannar 2020 stante li ġiet ippreżentata tardivament.

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati mir-Rikorrenti;

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħhom, ir-Rikorrenti qed jitolbu mingħand l-Intimat il-ħlas tas-somma ta' €1,700 li skont huma, hija rappreżentanti "l-ispejjeż biex jissessew" ħames bibien tal-injam *Tulip* li twaħħlu f'Settembru 2018 mill-Intimat u li kienu swew €2,790;

Illi t-Tribunal jifhem li bil-mod kif hija postulata l-azzjoni, ir-rimedju prospettat mir-rikorrenti huwa sabiex huma jiġbru lura parti mill-prezz imħallas minnhom versu l-bibien in kwistjoni, ossija l-hekk imsejjħa *actio aestimatoria*;

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li "fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]";

Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed jitolbu r-Rikorrenti jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tagħhom bħala Konsumaturi;

Illi r-Rikorrent Ronnie Gauci xehed illi l-bibien in kwistjoni ġew ordnati għall-ħabta ta' Mejju 2018 u ġew installati f'Settembru 2018. Hekk kif dawn twaħħlu kollox kien jidher sewwa iżda imbagħad, madwar xahar u nofs wara bdew ħerġin id-difetti fis-sens li bieb minnhom żviluppatlu qasma fin-nofs u bieb ieħor ma bediex jingħalaq kif suppost. Ir-rikorrent kien ikkuntattja lill-Intimat dwar il-problemi li kien hemm bil-bibien u dan oriġinarjament kien mar fuq il-post fejn għamel attentat riparatorju ta' malajr u saħansitra "kisser" biċċa minn bieb minnhom biex dan ikun jista' jingħalaq. Wara dan l-episodju, fejn skont ir-Rikorrent, il-problemi bil-bibien ma kienux issolvew, l-Intimat kien qallu li biex jerġa' jmur jara l-bibien, kien ser ikun irid jitħallas tas-servizz tiegħu. Minn dak iż-żmien inqata' l-kuntatt bejn il-partijiet sa ma fl-aħħar saru l-proċeduri odjerni. Dawn il-fatti ġew ukoll ikkonfermati mir-Rikorrenti Charlene Gauci tramite l-affidavit tagħha;

Illi minn naħa tiegħu, l-Intimat naqas milli jippreżenta Risposta fi żmien utili u ma xehedx fil-proċeduri odjerni iżda madankollu, ir-rappreżentant legali tiegħu ressaq sottomissjonijiet orali fejn ikkontenda li l-talba tar-Rikorrenti hija eżaġerata għax skont hu, huma qed jippretendu li l-bibien jiġuhom kważi b'xejn. Issottometta ukoll li ma nġiebux provi dwar kemm hija l-ispiża biex jissewwew il-bibien;

Illi t-Tribunal iħoss li filwaqt li r-Rikorrenti ipprovaw sodisfaċentement il-fatt prinċipali sostenenti t-Talba tagħhom li l-bibien fornuti mill-Intimat kienu afflitti minn difetti ossija nuqqas ta' konformità, huwa fatt li l-istess Rikorrenti naqsu milli jġibu prova ċara u konkreta ta' kemm għandha tkun id-diminuzzjoni mill-prezz;

Illi madankollu, fi kliem il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċ. 13.10.2004);

Illi għalhekk, wara li qies sewwa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal jikkonkludi li t-Talba tar-Rikorrenti timmerita akkoljiment u qed jiffissa *arbitrio boni viri* l-valur tad-diminuzzjoni mill-prezz fl-ammont komplessiv ta' elf Euro (€1,000).

**Decide:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqaha *in parte* u jikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' elf Euro (€1,000).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-Intimat.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***